MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 469/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**ANDRE' FALZON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANDRE' FALZON**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Dennis u Mary Anne nee' Psaila, imwieled tal-Pieta` nhar is- 6 ta Frar 1992, residenti fil- fond 32, Avalon, Triq il-Gallina, San Gwann, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 113892M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil- lejl ta' bejn it- 8 u id- 9 ta' Awwissu 2013 u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ittenta jittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

3. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mall-hatra ta' esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, fedina penali, statement, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali, u zewg kunsensi tal-Avukat Generali.

Rat li l-Prosekuzzjoni esebiet formalment id-droga li nstabet fuq il-persuna tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi finanzjarji u li huwa indigenti u l-Qorti ghalhekk innominat

lil Dr Renzo Porsella Flores bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum disgha (9) ta' Settembru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (9) ta' Settembru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li kien hemm sitta u hamsin (56) pillola ecstasy fuq il-persuna tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara verbalment li huwa ghandu problema ta' abbuz ta' droga.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta, pero' minkejja dan l-akkuzi li l-imputat gie addebitat bihom huma ta' natura serja hafna u li fil-pussess tieghu nstabu sitta u hamsin (56) pillola ecstasy li huwa ammont sostanzjali ghat-traffikar u l-legislatur stess ipprovda illi piena karcerarja effettiva ghandha tinghata f'dawn ic-cirkostanzi.

Semghet pero' lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li sahansitra irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu.  Appuntu minhabba f'hekk, din il-Qorti sejra timponi piena karcerarja lejn il-minimu.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9, Arikoli 8(d) u**

**22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, A.L. 22/85 oltre Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat ANDRE' FALZON hati ta' l-akkuzi u tikkundannah tliet (3) snin prigunerija effettivi.**

**Oltre dan, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' elf ewro (€1,000).**

**In oltre, il-Qorti taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jibda' programm ta' rijabilitazzjoni sabiex johrog minn dan il-vizzju tad-droga.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li f'dawn l-atti ma saret l-ebda nomina simili.**

**Finalment, tirriserva li tipprovdi dwar id-distruzzjoni tad-droga esibita formalment una volta l-istess droga tigi esebita materjalment, meta f'dak il-kaz tirriserva li tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli'.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------